MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1530/2003

**Dr. Joseph Tonna**

**Vs**

**Public Broadcasting Services Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ mija u hamsa w erbghin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm145.12c) rapprezentanti danni kkawzati minn impjegati tas-socjeta’ konvenuta fuq il-karrozza ta’ l-attur f’incident li sehh il-Habs ta’ Kordin fl-20 ta’ Jannar, 2001.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn qalet li t-talba ta’ l-attur hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Is-socjeta’ konvenuta qalet ukoll li t-talba ta’ l-attur

hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attur fejn jghid illi huwa u diehel, il-karrozza ntlaqtet minn camera tal-crew li ngibdet minn wire li kien imhabbel mal-gate u li kkawzatlu danni kif gej:

“Zewg girfiet fuq in-naha tas-sewwieq, girfa fonda hafna fuq id-door moulding tas-sewwieq kif ukoll mera tal-genb fuq in-naha tas-sewwieq miksura.”

Jghid illi meta kellem lil Paul Azzopardi dan ammetta r-responsabbilta’ ta’ l-incident min-naha tas-socjeta’ konvenuta. Dr Tonna jghid illi wara li ha l-karozza tieghu ghat-tiswija f’Marzu 2001 baghat l-ircevuti kollha lil Paul Azzopardi u stenna li jithallas tad-danni izda l-attur baqa’ ma thallasx. Jghid ukoll illi cempel diversi drabi kemm lil Paul Azzopardi kif ukoll lil Paul Abela.

Dr Tonna jghid illi f’Ottubru 2001 inzammet laqgha bejnu, Paul Azzopardi, Paul Abela u certu Zammit fejn ftiehmu illi l-PBS kienet ser thallsu fi zmien xahrejn izda xorta l-attur baqa’ ma thallasx mis-socjeta’ konvenuta. Jghid ukoll illi meta kellem lil Andrew Psaila, dan qallu biex jerga’ jibghat l-ircevuti u li mhux ser ihallsu skond il-parir ta’ l-avukat.

Paul Azzopardi jghid illi kien sar jaf bil-kwistjoni dakinhar stess. Illi jiftakar li kien cempillu l-attur biex iressaq il-claim izda mhux cert kemm kien ghadda zmien mill-incident ghall-imsemmija telefonata. Ma jiftakarx jekk kienux saru xi laqghat.

Jghid illi l-attur mar l-ufficcju w Azzopardi qallu biex iressaq il-claim tieghu ghand is-socjeta’ konvenuta ghaliex huwa m’ghandux awtorita’ li jaccetta tort wahdu. Jghid ukoll illi qal lill-attur biex ikellem lis-superjuri tieghu li huma Andrew Psaila u Paul Abela. Azzopardi jerga’ jsostni li ma jiftakarx b’laqghat bejn dawn ta’ l-ahhar, bejnu u l-attur.

L-ewwel eccezzjoni hi dwar il-preskrizzjoni. L-incident gara fl-20 ta' Jannar, 2001. L-Avviz gie pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2003. L-attur jghid li s-socjeta' konvenuta ammettiet li ser thallas f'laqgha li saret f'Ottubru 2001.

Illi l-**Artikolu 2153 tal-Kodici Civili** jipprovdi:

"Actions for damages not arising from a criminal offence are barred by the lapse of two years."

Illi l-attur jghid li f'laqgha li nzammet fl-ufficcju tal-PBS gie miftiehem li s-socjeta' konvenuta ser thallas ghall-hsarat. Illi ghalkemm Paul Azzopardi jghid li ma jiftakarx li saret din il-laqgha s-socjeta' konvenuta ma gabitx provi biex tikkontradixxi x-xhieda ta' l-attur. Ghalhekk saret interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

Dwar l-incident il-verzjoni li ta l-attur hija kredibbli. Illi s-socjeta' konvenuta naqset li tesebixxi xi risposti ghall-Ittri ta' l-attur. Is-socjeta' konvenuta naqset li ggib xhieda dwar l-incident. Mix-xhieda ta' Dr Tonna jirrizulta li kien gie miftiehem li s-socjeta' konvenuta kienet ser thallas ghall-ispejjez.

Gew esebiti l-ircevuti li jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsa w erbghin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm145.12c) bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------